MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2012

Citazzjoni Numru. 1287/2011

**Paul Micallef**
**li jiggestixxi l-istabiliment kummercjali**
**bl-isem 'Tatara Bathrooms'**

**vs**

**Jason Vella**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur tat-28 ta' Dicembru 2011 li jghid hekk:
1. Illi l-esponent jiggestixxi l-istabiliment kummercjali bl-isem 'Tatara Bathrooms' illi minnu jbiegh kmamar tal-banju, madum tal-art u tal-hajt u oggetti ohra ancillari;

2. Illi minn gol-imsemmi stabbiliment kummercjali l-esponent biegh u kkonsenja lill-konvenut diversi oggetti u materjal versu l-prezz komplessiv ta' €11,282.15 (vide tliet

(3) statements hawn annessi u mmarkati bhala Dok. 'A', 'B' u 'C');

3. Illi permezz ta' skrittura datata 15 ta' Settembru, 2011 (vide Dok. 'D') il-konvenut iddikjara li huwa ghandu jaghti lill-attur l-imsemmija somma ta' €11,282.15 u obbliga ruhu li jhallasha permezz ta' erba' (4) pagamenti ta' €2,820.54 kull wiehed minghajr imghax, b'dan pero li jekk huwa jkun moruz f'xi pagament huwa jitlef il-beneficcju tat-terminu u l-attur ikollu d-dritt li jfittxu minnufih u jehel ukoll l-imghax skond il-ligi;

4. Illi l-konvenut baqa' moruz u ma hallas ebda pagament;

5. Illi, ghalhekk, indubbjament il-konvenut huwa veru, cert u likwidu debitur tal-esponent fis-somma ta' hdax-il elf mitejn u tnejn u tmenin ewro u hmistax-il centezmu (€11,282.15) kif fuq spjegat;

6. Illi fil-fehma tal-esponent il-konvenut m'ghandu ebda eccezzjonijiet x'jaghti skond il-ligi u ghalhekk din il-kawza ghandha tigi deciza bid-dispensa tas-smigh u skond proceduri specjali sommarji;

7. Illi ghall-finijiet ta' kompetenza qed jigi dikjarat illi l-ammont ta' imghax diga dovut mill-konvenut lill-attur sal-lum, maghdud mas-sorte ta' €11,282.15, jezorbita l-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati u jaqa' fil-parametri tal-kompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti u dan a tenur tal-artikolu 760(1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

i. Tiddispensa bis-smigh tal-kawza a tenur tal-artikolu 169 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

ii. Prevja kull dikjarazzjoni ohra talvolta mehtiega u necessarja, tiddikjara illi l-konvenut huwa veru, cert u likwidu debitur tal-attur fis-somma ta' hdax-il elf mitejn u tnejn u tmenin ewro u hmistax-il centezmu (€11,282.15); u

iii. Konsegwentement tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur l-imsemmija somma ta' hdax-il elf mitejn u tnejn u tmenin ewro u hmistax-il centezmu (€11,282.15);

Bl-imghax legali mid-data li fiha kull ammont pagabbli mill-konvenuti lill-attur sar dovut skond l-istatements hawn annessi bhala Doks. 'A', 'B' u 'C' (u cioe' bl-imghax legali mid-data ta' kull invoice) u bl-ispejjez kollha, inkluz dawk tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju prezentat kontestwalment, kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti tal-attur;

Rat li l-konvenut gie debitament notifikat fit-3 ta' April 2012 pero ma deherx ghas-seduta tat-8 ta' Mejju 2012 u kwindi ma gabx raguni valida biex jiddefendi l-kawza. It-talba attrici tirrizulta gustifikata mid-dokumenti esebiti, u l-konferma tal-ammont dovut bil-gurament tal-istess attur;

**Decide**

Billi mill-atti prodotti t-talba attrici tidher gustifikata, il-Qorti qed tiddesponi mill-kawza billi tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lil konvenut ihallas lil attur l-ammont ta' hdax-il-elf mitejn u tnejn u tmenin euro u hmistax-il centezmu (€11,282.15), bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kollha kif mitluba sad-data tal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------